MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 135/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet kienu izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 1976 u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness bin-numru progressiv 2042/1976 **Dok. 'A'**

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal li llum huma maggiorenni u cioe Y u X.

Illi llum il-partijiet huma legalment separati u dan bis-sahha tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-25 ta' Mejju, 2001

bil-kundizzjonijiet hemm indikati liema kuntratt kien gie ppublikat minn Nutar Dottor Margaret Heywood ‘Dok. ‘B’.

Illi ma hemmx possibilita` ragjonevolili l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw tant li l-partijiet qed jghixu hajja separati w indipendenti minn xulxin tant li ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

1. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall ta’ zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Marzu, 2012;

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimata li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi l-esponenti ma taqbilx mal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, stante li ma jezistux l-elementi mahsuba mil-ligi, partikolarment mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-Qorti tkun tista tilqa talba ghall-hall taz-zwieg;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jinghad partikolarment illi r-rikorrenti naqas u ghadu qed jonqos b’mod konsistenti milli jhallas il-manteniment ravvizat fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, u ghalhekk mhux qed ihallas manteniment adegwat kif mitlub mil-ligi;
3. Illi minkejja dan u bla pregudizzju ghall-premess, anke jekk din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent, l-esponenti titlob illi r-rikorrent jaghti garanzija xierqa ghall-

hlas ta' hames (5) snin manteniment, u dan ai termini ta' l-Artikolu 661 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi wkoll kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet tar-rikorrent qed isiru appozitament sabiex l-istess rikorrent jahrab mid-dmir tieghu li jhallas manteniment, u dan peress li ghandu relazzjoni ma mara Tunezina, u jrid jizzewwigha sabiex jghix barra u jirrendi l-kuntratt ta' separazzjoni difficli biex wiehed jinfurzah, partikolarment il-hlas tal-manteniment;

B'rizerva ghal risposti ohra, u bl-ispejjez kontra r-rikorrent, minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ammetta bil-gurament tieghu stess waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2013 meta xehed illi sa issa ghadu ma hallasx l-arretrati tal-manteniment dovuti minnu lill-intimata. Huwa xehed illi certament minn Awissu 2012 sa dakinhar illi xehed it-12 ta' Marzu 2013 kien ma hallas xejn bhala manteniment lill-intimata;

Ghaldaqstant il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ma issodisfax wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex zwieg jigi dikjarat null u cioe' illi ma ghandux jaghti ebda manteniment lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha, bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------